VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,427, 19 ta' Mejju, 2015
Taqsima B

A.L. 162 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Master Chef Diploma – M.Chef Dip. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 6(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Master Chef Diploma – M.Chef Dip. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"id-Diploma" tfisser il-Master Chef Diploma – M.Chef Dip.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Master Chef Diploma – M.Chef Dip.; u

"l-Università" tfisser l- Università ta' Malta.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2015 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti li jidħlu skont is-sottoparagrafu (a)(iii) tal-paragrafu (2) tar-regolament 4 tar-Regolamenti għad-Dħul għandhom ikollhom il-kwalifiki u / jew l-esperjenza li jissodisfaw lill-Bord li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' erba' semestri ta' studju *part-time* li għandu jinkludi *stage* li jsir matul il-perjodu tas-sajf.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors jikkonsisti minn numru ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

6. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksub fil-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.